MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 136/2007

**Kawża Nru: 16**

**A pro et noe**

**-vs-**

**B et**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-27 ta' Marzu, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi f'isimha *proprio* u bħala kuratriċi *ad litem* ta' wliedha minuri C, D u E aħwa _____ esponiet bir-rispett:

1. Illi l-attriċi żżewġet lill-konvenut B fit-3 ta' Settembru, 1993 fir-Reġistru taż-Żwiġijiet (Dok. JV1).

2. Illi l-attriċi ilha *de facto* separata minn mal-konvenut B għal iktar minn disa’ (9) snin.

3. Illi l-attriċi welldet tliet ulied li jisimhom E li twieled fl-14 ta’ Jannar, 2000 (Dok. JV2), D li twieled fil-21 ta’ Awissu, 2002 (Dok. JV3) u C li twieldet fis-27 ta’ Ottubru, 2005 (Dok. JV4).

4. Illi peress illi l-istess ulied twieldu matul iż-żwieġ ta’ l-attriċi mal-konvenut, dawn ġew reġistrati bħala l-ulied naturali ta’ l-istess konvenut B, minkejja li dawn l-ulied m’humiex l-ulied naturali tiegħu.

5. Illi għalhekk hu meħtieġ li jiġi dikjarat li t-tfal imsemmija m’humiex l-ulied naturali tal-konvenut B.

6. Illi jeħtieġ li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fiċ-ċertifikati tat-twelid ta’ l-istess ulied reġistrati mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

7. Illi għalhekk kellu jiġi ntavolat dan ir-rikors ġuramentat.

Għaldaqstant ir-rikorrenti qegħda, għar-raġunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa u opportuna, illi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-imsemmija ulied minuri E, D u C m’humiex it-tfal naturali tal-konvenut B, b’mod għalhekk illi hemm lok għall-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid ta’ l-imsemmija minuri f’dan is-sens.

2. Tordna għalhekk il-korrezzjoni fl-atti tat-twelid ta’ l-imsemmija minuri E, D u C billi jiġu kanċellati minn kull fejn jinsabu mniżżla fl-istess atti tat-twelid, il-konnotati kollha tal-konvenut B, u l-istess jiġu sostitwiti b’dak it-tagħrif illi jiġi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ l-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fl-24 ta’ Awissu, 2007, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent m’huwiex edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ li r-rikorrenti tipprova l-impossibbilta’ fiżika bejn il-konjuġi, u *cioe’* bejn B u bejnha.

3. *Inoltre*, mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll, ir-rikorrenti għandha tispeċifika x’għandu jitniżżel taħt il-kolonna li tindika d-dettalji tal-missier tal-minuri fuq l-Atti tat-Twelid relattivi. *Inoltre*, ir-rikorrenti għandha titlob ukoll li jekk it-talbiet attriċi jintlaqgħu, il-kliem “*the said*” għandhom jiġu kanċellati mill-kolonna li tispeċifika d-dettalji ta’ l-omm.

4. Illi fir-rigward ta’ l-Att tat-Twelid tal-minuri C jeħtieġ li r-rikorrenti tispeċifika x’għandu jkun il-kunjom tal-minuri in kwistjoni u jekk ikun il-każ, titlob korrezzjoni f’dan is-sens.

5. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-Artiklu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m’huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta’ l-intimat, li għaldaqstant m’għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta’ l-istanti.

7. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tat-30 ta' Novembru, 2007 li permezz tiegħu ġie msejjaħ fil-kawża F.

Rat in-nota ta' ammissjoni ta' l-istess F.

Rat l-atti proċesswali, u senjatament l-affidavit ta' l-attriċi u semgħet lix-xhieda nklużi l-istess partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qegħda titlob dikjarazzjoni li t-tlett itfal illi kellha wara li hija u żewġha l-konvenut B ma baqgħux jgħixu flimkien jiġu dikjarati ta' l-imsejjaħ fil-kawża Farrugia li kkonferma dan l-istat ta' fatt.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet <u>Josianne Giusti vs Pierre Giusti et</u> deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk:

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili (<u>Spiteri pro et noe vs Cilia et</u>, fost oħrajn 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħeda mhux biżżejjed (Art. 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba attriċi, u anke f'dan il-każ hemm ammissjoni ċara. Mill-provi jirriżulta li l-attriċi sseparat *de facto* qabel it-twelid tat-tfal.

**Għaldaqstant il-Qorti:**

**1. tilqa’ l-ewwel talba;**

**2. tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jirreġistra l-korrezzjonijiet neċessarji fl-atti tat-twelid imsemmija u jitniżżlu l-konnotati ta’ l-attur, illi huma dawk indikati fid-deposizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------